

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Għajnuna Legali](#) > Romania

Għajnuna legali

Rumanija



Rumanija

- L-Artikoli 90 u 91 tal-Liġi Nru 134/2010 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili
- L-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika, approvat b'emendi mill-Liġi Nru 193/2008, kif emendat
- L-Artikoli 42 sa 44 tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 80/2013 dwar it-taxxi tal-boll ġudizzjarji.
- Il-Liġi Nru 51/1995 dwar l-organizzazzjoni u l-eżerċizzju tal-professjoni legali, kif emendata

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 14(2), l-ewwel inċiż – Ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti riċeventi jew trażmittenti

L-awtorità trasmittenti Rumena hija

il-Ministeru tal-Ġustizzja, id-Direttorat għal-Liġi Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja (*Ministerul Justiției, Direcția Drept Internațional și Cooperare Judiciară*)

Is-servizz għall-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji ċivili u kummerċjali (*Serviciul Cooperare judiciară internațională în materie civilă și comercială*)

Str. Apolodor 17, Sector 5, Bucharest 050741

Tel.: + 40372041077, Faks: + 40372041079, Faks: + 40372041084 Posta elettronika: ddit@just.ro

L-awtorità riċeventi Rumena tista' tkun

jew il-Ministeru tal-Ġustizzja

Id-Direttorat għal-Liġi Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja

Is-servizz għall-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji ċivili u kummerċjali

Str. Apolodor 17, Sector 5, Bucharest 050741

Tel.: + 40372041077, Faks: + 40372041079, Faks: + +40372041084 Posta elettronika: ddit@just.ro

jew il-qorti Rumena bil-ġurisdizzjoni territorjali/materjali rilevanti

L-Artikolu 14(2), it-tieni inċiż – Iż-żona ġeografika ta' ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet riċevanti u trażmittenti

Fir-rigward tal-awtoritajiet riċevanti, skont l-Artikolu 11 tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, approvata bl-emendi mil-Liġi Nru 193/2008, kif emendata, ir-rikors għal għajnuna legali pubblika għandu jiġi ppreżentat lill-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi l-kawża li l-għajnuna qed tintalab għaliha; f'każ ta' għajnuna legali mitluba b'konnessjoni mal-eżekuzzjoni ta' sentenza, il-qorti kompetenti għandha tkun il-qorti tal-eżekuzzjoni.

Meta ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata l-qorti kompetenti, għandha tkun il-qorti distrettwali ta' fejn ikun domicijjat jew residenti min ressaq it-talba.

Skont l-Artikolu 43 tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika fil-materji ċivili, approvata bl-emendi mil-Liġi Nru 193/2008, kif emendata, meta, fil-mument tal-preżentata tar-rikors għall-għajnuna legali, ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata l-qorti kompetenti, ir-rikors għandu jiġi deċiż mill-Qorti ta' Bucharest.

L-Artikolu 14(2), it-tielet inċiż – Metodi disponibbli biex jiġu rċevuti l-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu bil-posta.

L-Artikolu 14(2), ir-rabà inċiż – Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-applikazzjoni

L-applikazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn għandhom ikunu tradotti fir-Rumen u ppreżentati f'dik il-lingwa.

■ L-aħħar aġġornament: 14/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.